55

11 ta' Frar 2021

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
11 FEB 2021
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/5953/20* |
| *Lokazzjoni:* | *Xwejni Kiosk, il-Bajja tax-Xwejni, Marsalforn, Zebbug (Gozo)* |
| *Proposta:* | to sanction kiosk consisting of structure as built, cooking on site, and kiosk to remain on site all year, from approved in PA 7208/07, PA 480/14, PA 3914/00 and correction of site. |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**John Falzon**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti John Falzon jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 5953/20.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fl- 20 ta' Jannar 2020, l-istess Kummissjoni irrifjutat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-Awtorita naqset li tikkunsidra fatti materjali u cirkostanzi partikolari tas-sit mertu tal-kaz odjern.

1.2 Illi certament li l-Awtorita kienet obbligata li tqis kull cirkostanza li jista jkollha effett fl-applikazzjoni de quo u tiddeciedi l-istess anke a bazi ta' tali konsidreazzjonijiet. Dan skont dak provdut fl-artikolu 72 tal-Kap. 552.

1.3 Illi r-ragunijiet ta' rifjut huma kollha irrilevanti ghall-kaz odjern stante li l-gustifikazzjoni ta' l-izvilupp propost hija cirkostanzi fattwali u materjali, u fl-ebda standju ma pprova l-applikant jiggustifika l-applikazzjoni tieghu billi l-istess hija necessarja li ssir fl-ODZ.

1.4 Illi din l-applikazzjoni hija sempliciment intiza sabiex temenda il-condition 3 tal-permess PA 480/14 li tehtieg illi l-istess kiosk jkun fuq is-sit bejn l- 1 ta' Majju u it- 30 ta' Settembru ta' kull sena. Il-proposta hija li l-istess kiosk ikun jista jopera matul is-sena kollha.

1.5 Illi dan m'hu ser ibiddel xejn mic-cirkostanzi ta' dak diga deciz. L-istess kiosk kien u ghadu fi stat u sitwazzjoni li jista jitnehha facilment u minnghajr ma jippregudika xejn mis-sit.

1.6 Illi oltre dan, il-permess PA 480/14 skond il-conizzjoni 1(i) jipprovdi li l-istess kiosk ikun ta' 3 metri gholi u b' hekk anke ir-raguni 5 ta' l-istess decizjoni hija zblajata.

1.7 Illi l-istess kiosk bl-ebda mod m' hu qieghed johloq l-ebda ostakolu ghall-accessibilita taz-zona in kwistjoni, anzi l-istess iservi bhala emenity ghan-nies li jiffrekwentaw l-istess sit.

1.8 Illi r-raguni imressqa mill- Environmental Health Directorate hija materja teknika li tista tigi facilment rizolta u bl-eba mod ma hija ta' impediment ghall-approvazzjoni tat-talba ta' l-applikant.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita u jordna illi jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**